## *Premju Ġieħ iż-Żejtun 2012*

# Lino Psaila

Lino Psaila twieled iż-Żejtun fit-28 ta' Diċembru 1943, iben Karmnu u Katarin neè Delia. Studja fl-iskola primarja taż-Żejtun u fil-Kulleġġ De La Salle ta' Bormla. Beda l-ħajja tax-xogħol tiegħu bħala ħaddied fis-servizz pubbliku. Tul il-karriera tiegħu serva wkoll bħala Direttur tal-Maltese Arab Libyan Fishing Company u bħala Works Technical Officer fis-servizz pubbliku. Barra minn hekk, ħadem għal bosta snin bħala sajjied part-time.

Lino Psaila huwa bniedem artistiku ħafna. Fl-imgħoddi kien ipinġi d-disinji fuq il-luzzijiet u t-trakkijiet. Il-palk hu għal qalbu ħafna, tant li ta s-sehem tiegħu bħala attur f'bosta produzzjonijiet teatrali u għal tmien snin sħaħ mexxa l-kumpanija teatrali Marsaxlokk Stars Dramatic Company.

Madankollu bħala artist huwa magħruf l-aktar għall-manuċċi li jagħmel, tant li f'idejh għandu r-rekord Malti u Ewropew għall-akbar għadd ta' manuċċi fuq spaga waħda (565). Illum spiss jiġi mistieden minn kapijiet ta' skejjel u minn kunsilli lokali biex jgħallem lit-tfal kif isiru l-manuċċi ħalli b'hekk din is-sengħa qadima ma tintilifx.

Il-baħar u dak kollu li għandu x'jaqsam miegħu huma passjoni kbira għal Lino Psaila. Kiteb u ppubblika diversi artikli dwar is-sajd, ir-razez differenti tal-ħut, bastimenti tal-gwerra u sottomarini. Ġabar fi ktieb (li għadu ma ġiex ippubblikat) tagħrif dwar il-ħut kollu li jgħix fil-Baħar Mediterran. Ippubblika wkoll il-ktieb "Il-Baħar Rasu Iebsa", li jikkonsisti f'ġabra ta' ġrajjiet li seħħew tassew fuq il-baħar ħafna snin ilu u li l-protagonisti fihom huma sajjieda Maltin, fil-maġġoranza tagħhom Żwieten. Dan il-ktieb diġà ġie ppubblikat tliet darbiet u r-raba' edizzjoni tiegħu, b'żieda ta' rakkonti ġodda, mistennija toħroġ dalwaqt.

Lino Psaila huwa kburi ħafna bil-fatt li hu Żejtuni u jaħdem qatigħ biex il-kultura Żejtunija tibqa' f'saħħitha u tkun magħrufa minn kulħadd. Bħalissa huwa qed jaħdem fuq ktieb awtobijografiku bl-isem "Lieli ta' Keterin" li huwa miktub kollu bid-djalett Żejtuni. Dan il-ktieb, li għandu jiġu ppubblikat aktar tard din is-sena, huwa l-ewwel wieħed tax-xorta tiegħu fil-letteratura Maltija. Bih Lino Psaila se jilħaq il-qofol tal-imħabba kbira tiegħu għal raħal twelidu u għad-djalett li bih ilu jitħaddet minn ċkunitu.

Lino Psaila jħobb ħafna l-kitba u l-qari, tant li għandu librerija estensiva ta' kotba li fil-parti l-kbira tagħhom huma dwar il-baħar. Ħa sehem f'bosta konkorsi letterarji u fihom rebaħ diversi premjijiet, inkluż "Il-Premju Djalett" għal darbtejn fl-attività letterarja organizzata kull sena mill-Kunsill Lokali taż-Żejtun.

Għalkemm huwa anzjan, it-teknoloġija tinteressah ħafna u jużaha kemm bħala għodda biex iżomm ruħu aġġornat ma' dak li jiġri madwaru iżda fuq kollox bħala mezz kif jgħallem lill-oħrajn b'mod informali dwar dak kollu li hu Żejtuni.

Lino Psaila huwa miżżewweġ lil Maria neè Gravina u għandhom tliet ulied – Rita, Emanuel u Catherine.

**L-Għaqda Banda Żejtun tifraħ lis-Sur Lino Psaila u tirringrazzjah għax-xogħol tiegħu b'risq iż-Żejtun.**



Membri, tal-Għaqda Banda Żejtun flimkien mas-Sur Lino Psaila